# "DIN IL-KITBA SEĦĦET INTOM U TISIMGĦU"

## IT-TIELET ĦADD TA' MATUL IS-SENA

***Daħla:*** Kull nhar ta' Ħadd, aħna bħala komunità ta' fidi nisimgħu lil Alla jkellimna mill-Bibbja. Dak li jinqara hu kliem ħaj, messaġġ minn Alla lilna llum li qed nisimgħu. Illum, Ġesù jniedi l-programm tiegħu bħala l-Messija. Hu programm immexxi mill-Ispirtu s-Santu favur tagħna; programm li jġib ħelsien, fejqan u abbundanza ta' grazzji. Nibdew niċċelebraw billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Meta l-Poplu Lhudi rritorna mill-Eżilju, inġabar biex jisma' l-Kelma t'Alla. Bdew jibku għax ħassewhom ixxurtjati li Alla qed ikellimhom.

***Responsorju tas-Salm:*** **Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja**

***It-Tieni Qari:*** Bil-Magħmudija fl-Ispirtu, aħna sirna membri tal-Ġisem ta' Kristu u kull membru għandu sehem x'jagħti għall-ħajja tal-Ġisem.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Kemm jixraqlu Alla l-aqwa li nistgħu noffru. Għalhekk, irressqu mal-ħobż u l-inbid dak kollu li hu l-aqwa f'ħajjitna. Inkantaw flimkien….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
"Ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa u tgħallem lil min ma jafx". Hekk smajna fis-Salm. Ġesù hu x-xhud tal-Missier. Ejjew nitqarbnu bih u niggustaw il-ħlewwa ta' Alla. Inkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Grazzi, Missier, għall-imħabba infinita tiegħek għalina. Kompli għatina l-ħelsien permezz ta' Ibnek Ġesù. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq…***